**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/062 |
| **Allegazzjoni:** | Żvelar ta' informazzjoni dwar inkjesta maġisterjali, bi ksur tal-liġi |
| **Ilmentatur:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 19 ta' Lulju 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 28 ta' Novembru 2024 |

**L-Ilment**

1. Dan huwa rapport dwar ilment li sar mid-deputat parlamentari l-Onor. Karol Aquilina (l-Ilmentatur) fid-19 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu ilmenta rigward dikjarazzjonijiet magħmula mill-Prim Ministru Robert Abela u l-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret jumejn qabel id-data tal-ilment. L-ilment huwa mehmuż ma' dan ir-rapport u mmarkat bħala **Dokument A**.

2. Skont l-Ilmentatur, permezz ta' dawn id-dikjarazzjonijiet il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja żvelaw informazzjoni li ma kellhomx dritt jakkwistaw rigward l-inkjesta maġisterjali li kienet għaddejja dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia. Fil-fehma tal-Ilmentatur, dan jammonta għal ksur ta' dmirijiet statutorji u etiċi, aġir li jmur kontra l-liġi, u abbuż ta' poter.

**Il-Kuntest**

3. Fit-3 ta' Diċembru 2022, ikollassa bini li kien qed jittella' fil-qasam industrijali ta' Kordin. F'dan il-kollass tilef ħajtu Jean Paul Sofia. Ftit wara nbdiet inkjesta maġisterjali dwar dan l-inċident traġiku.

4. Fit-13 ta’ April 2023, il-Prim Ministru kiteb lill-Prim Imħallef biex jilmenta li l-inkjesta maġisterjali dwar dan il-każ kienet għadha ma ngħalqitx. Il-Prim Ministru qal li dan id-dewmien kien inaċċettabbli meta wieħed iqis is-sensittività tal-każ, u talab l-intervent tal-Prim Imħallef biex l-inkjesta tingħalaq. Din l-ittra ġiet ippubblikata.[1]

5. Fis-17 ta’ Lulju 2023 saret konferenza stampa indirizzata mill-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard, u l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar Stefan Zrinzo Azzopardi. Waqt din il-konferenza stampa, il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja ħabbru li l-inkjesta maġisterjali ġiet estiża bi tletin ġurnata. Il-Prim Ministru ħabbar ukoll li kienet se ssir inkjesta pubblika separata minn dik maġisterjali.[2]

6. L-inkjesta maġisterjali ġiet konkluża fil-21 ta’ Lulju 2023 u r-rapport tal-inkjesta ġie ppubblikat fis-26 ta’ Lulju 2023. Ir-rapport tal-inkjesta pubblika ġie ppreżentat lill-Prim Ministru u ppubblikat fit-28 ta’ Frar 2024.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

7. Fl-24 ta’ Awwissu 2023, dan l-Uffiċċju kiteb separatament lill-Prim Ministru u lill-Ministru Jonathan Attard biex jirreferilhom l-ilment, jitlob ir-reazzjonijiet tagħhom dwaru, u jistaqsihom kif kienu saru jafu li t-terminu tal-inkjesta maġisterjali kien ġie estiż. F’dawn l-ittri ġie spjegat ukoll li l-ilment kapaċi jinkwadra fil-qafas tal-artikolu 22(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta’ Malta), li jirreferi għal azzjonijiet kontra dak li trid il-liġi u ksur ta’ dmir statutorju.

8. Dawn l-ittri huma mehmużin ma’ dan ir-rapport u mmarkati bħala **Dokument B** u **Dokument Ċ** rispettivament.

9. Il-Ministru Jonathan Attard wieġeb permezz ta’ ittra datata 31 ta’ Awwissu 2023. Huwa qal illi:

---

1 Ara l-istqarrija tad-Dipartiment tal-Informazzjoni numru PR230523 datata 13 ta’ April 2023, aċċessibbli minn https://govcms.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2023/04/13/PR230523.aspx.

2 Ara https://timesofmalta.com/article/abela-expected-make-uturn-announce-inquiry-sofia-death.1044184, kif ukoll https://fb.watch/lSC9p65ufF/.

- L-ilment odjern kien wieħed manifestament infondat u ma jimmeritax indaġni ulterjuri;
- Bħala Ministru għall-Ġustizzja, kien fid-dmir li jikkomunika mal-Avukat Ġenerali wara l-għeluq tat-terminu estiż ta' xahar, u dan sabiex jingħata kopja tal-proċess verbal, ġaladarba tali inkjesta tkun konkluża;
- L-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali (il-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta) jgħid li l-proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali. B'hekk il-liġi stess tagħti lok biex issir talba ta' din in-natura quddiem l-Avukat Ġenerali, kif infatti għamel hu;
- Fil-passat, b'risposta għal mistoqsijiet parlamentari, ingħatat informazzjoni dettaljata dwar inkjesti maġisterjali li kienu għadhom pendenti jew riċentament konklużi (huwa annetta eżempji ta' dan mar-risposta tiegħu);
- Fil-każ in kwistjoni hu kien ġie nformat mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li mal-għeluq tat-terminu estiż ta' xahar, l-istess Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kien għadu ma rċeviex il-proċess verbal mingħand il-Maġistrat Inkwerenti;
- Ma kien hemm xejn kunfidenzjali dwar l-informazzjoni li ħarġet waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, anzi t-tagħrif li ngħata minnu u mill-Prim Ministru ma kien xejn għajr dak li jemerġi ictu oculi mil-liġi.

10. L-ittra tal-Onor. Dott. Jonathan Attard, flimkien mad-dokumenti annessi magħha, qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument D**.

11. Fl-1 ta' Settembru 2023, il-Prim Ministru l-Onor. Dott. Robert Abela wieġeb l-ittra ta' dan l-Uffiċċju datata 24 ta' Awwissu 2023. L-ittra tal-Prim Ministru hija simili għal dik tal-Ministru Attard, ħlief li l-Prim Ministru jgħid li l-Ministru Attard għarrfu li huwa (jiġifieri l-Ministru Attard) kien ġie infurmat mill-Avukat Ġenerali li hija kienet għadha ma rċevietx il-proċess verbal mingħand il-Maġistrat Inkwerenti.

12. L-ittra tal-Prim Ministru qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument E**. Id-dokumenti annessi ma' din l-ittra huma identiċi għal dawk annessi mal-ittra tal-Ministru Attard u għalhekk mhumiex qed jiġu inklużi.

13. Fit-23 ta' Mejju 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru u lill-Ministru Jonathan Attard biex jgħaddilhom l-ittri ta' xulxin għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u jagħtihom l-opportunità li jagħmlu sottomissjonijiet finali.

14. Fis-sottomissjonijiet finali tiegħu (**Dokument F**), il-Prim Ministru qal li diġà kien ta risposta dettaljata permezz tal-ittra tiegħu datata 1 ta' Settembru 2023.

15. Fis-sottomissjonijiet finali tiegħu (**Dokument G**), il-Ministru Attard għamel referenza għal artiklu ppubblikat mill-ġurnal *Times of Malta* fis-6 ta' Ġunju 2024, fejn l-Avukat Ġenerali ġiet ikkwotata li qalet li kienet għadha ma rċivietx il-proċess verbal tal-inkjesta maġisterjali dwar il-Panama Papers. F'dak ir-rigward, il-Ministru Attard qal li meta jidhrilha xieraq l-Avukat Ġenerali tgħid jekk ġietx konkluża jew le inkjesta maġisterjali. Huwa kkontenda li din l-informazzjoni ma tistax tiġi deskritta bħala informazzjoni li hija fin-natura tagħha kunfidenzjali, u li b'xi mod tinvolvi lil min jirċeviha fi ksur ta' liġi jew ta' etika.

## Konsiderazzjonijiet

16. Fir-risposti tista' tgħid identiċi tagħhom, l-Onor. Prim Ministru u l-Onor. Ministru qalu li qabel il-konferenza stampa in kwistjoni, il-Ministru msemmi talab lill-Avukat Ġenerali biex jingħata kopja tal-proċess verbal tal-inkjesta maġisterjali, iżda ġie informat li dan kien għadu ma tlestiex. Qalu li billi kienet skadiet l-aktar estensjoni riċenti ta' xahar (kienu diġà saru estensjonijiet preċedenti), il-Maġistrat neċessarjament kellha tipprepara rapport skont l-artikolu 550A tal-Kodiċi Kriminali biex tindika r-raġuni għad-dewmien u tibagħtu lill-Avukat Ġenerali.

17. Il-Prim Ministru hawn effettivament ikkoreġa d-dikjarazzjoni li kien għamel waqt il-konferenza stampa li l-Magistrat kienet se "*titlob*" estensjoni oħra ta' tletin ġurnata biex tlesti l-inkjesta.

18. L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) rilevanti għall-każ huma dawn:

> ***518.*** *L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess*

*partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:*

*Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695:* [...]

***550A.*** *(1) Meta l-proċess verbal ma jsirx fi żmien sittin ġurnata mir-rapport, denunzja jew kwerela msemmija fl-artikolu 546(1) jew fl-artikolu 551 (1) jew meta "repert" imsemmi fl-artikolu 558( (1) ma jsirx fi żmien sittin ġurnata mill-kxif tad-dokument, il-maġistrat għandu jagħmel rapport bil-miktub li fih jindika r-raġuni tad-dewmien, u dan ir-rapport għandu jintbagħat mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq is-sittin ġurnata.*

*(2) F'għeluq kull xahar minn meta jkun sar l-ewwel rapport, il-maġistrat għandu jagħmel rapport bil-miktub ieħor li fih jerġa' jindika r-raġuni tad-dewmien u kull rapport sussegwenti hekk magħmul għandu jintbagħat mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq ix-xahar.*

*(3) Wara li jiskadu s-sittin ġurnata msemmija fis-subartikolu (1) kull min ikollu interess jista' jagħmel rikors fejn jitlob lill-maġistrat li huwa jinstema' bħala xhud, jew li jinstemgħu bħala xhieda l-persuni indikati fir-rikors. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali li jkollu erbat ijiem żmien biex jirrispondi.*

*(4) Il-maġistrat għandu jikkomunika lill-Avukat Ġenerali dak it-tagħrif dwar l-inkjesta kif ikun mitlub mill-Avukat Ġenerali li barra minn hekk għandu, f'kull ħin, ikollu aċċess għall-atti tal-kawża tal-inkjesta u għal kull dokument u oġġett materjali ieħor esibit tul l-inkjesta inkluż ir-rapporti tal-esperti u d-deposizzjoni tax-xhieda.* [...]

19. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha **Borg vs Avukat Ġenerali** tal-31 ta' Mejju 2023 qalet f'dan ir-rigward:

*Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward illi li kieku l-leġislatur ried li qatt ma jkun possibbli li tingħata kopja tal-proces verbal sakemm ma jinħarġu akkużi mill-Pulizija, il-leġislatur kien jipprovdi espressament għal tali eċċezzjoni.*

*Ladarba m'għamilx dan, anke fejn ikunu għadhom ma ħarġux akkużi mill-Pulizija, l-Avukat Ġenerali hija marbuta li tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta ssirilha talba għall-aċċess għall-proces verbal, għaliex* ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit****. Fir-rigward tal-argument magħmul mill-Avukat Ġenerali bbażat fuq il-****Guidelines on the Role of the Prosecutor*** *tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Qorti tosserva li dawn il-linji gwida stess jipprovdu li fil-qadi ta' dmirijiet tagħhom il-Prosekuturi Pubbliċi huma meħtieġa "[to] take proper account of the position of the suspect and the victim" u "[to] consider the views and concerns of the victims when their personal interests are affected and ensure that victims are informed of their rights …"*

20. Kif wieħed jista' jara mill-bran indikat fis-sentenza appena ċitata, l-Avukat Ġenerali għandu jew għandha diskrezzjoni jekk tgħaddix kopji tal-proċess verbal, u l-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li l-istess Avukat Ġenerali għandu jew għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qabel ma tieħu tali deċizjoni. Anzi fil-każ li kellha quddiemha l-Qorti ma qablitx mad-deċiżjoni li ħadet l-Avukat Ġenerali dakinhar li ma tgħaddix kopja tar-rapport lill-attriċi f'dik il-kawża (eventwalment kienet għaddietha fil-mori tal-appell).

21. Kwindi mhux korrett wieħed jgħid li l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja ġew fil-pussess ta' informazzjoni li ma kellhom ebda dritt jirċievu. Barra minn dan, b'sempliċi kalkolu matematiku wieħed ukoll kien jasal għall-konklużjoni li r-rapport tal-inkjesta ma kienx se jkun lest saż-żmien indikat. L-esponent iżid jgħid biss li mhux korrett wieħed jgħid (kif ta l-impressjoni l-Prim Ministru waqt il-konferenza stampa) li l-Maġistrat **talbet** li jkollha estensjoni taż-żmien li tagħtiha l-liġi biex tlesti r-rapport. Il-Maġistrat **m'għandhiex bżonn** tagħmel din it-talba, iżda għandha tinforma lill-Avukat Ġenerali li se jkollha bżonn l-estensjoni u tindikalha r-raġunijiet għal dan. Dan però m'huwiex parti mill-ilment "ut sic".

22. Il-Prim Ministru u l-Ministru fir-risposti tagħhom għamlu riferenza għal tliet istanzi fil-passat fejn żewg ministri ta' dak iz-żmien, l-Onor. Dott. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Dott. Tonio Borg, irrispondew għal mistoqsijiet parlamentari rigward inkjesti maġisterjali. F'każ minnhom il-ministru konċernat qal li l-inkjesta kienet għadha għaddejja, u fiż-żewġ każijiet l-oħra qal li l-inkjesta kienet ġiet konkluża. F'wieħed minn dawn il-każijiet il-ministru żied jgħid li l-atti tal-inkjesta kienu qed jiġu eżaminati mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Il-kazijiet imsemmija, għalkemm mhux identiċi, juru li f'dawk is-

sitwazzjonijiet il-ministri konċernati ġew informati mill-Avukat Ġenerali bl-andament tal-inkjesti li kienu għadhom ma ġewx fid-dominju pubbliku.

23. Wieħed għandu jinnota f'dan il-kuntest li l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminal jirreferi speċifikament għal *"proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom"*. L-għoti ta' aħbar dwar l-andament ta' inkjesta maġisterjali – li l-inkjesta għadha għaddejja, jew ġiet konkluża, jew ġie estiż it-terminu tagħha – ma jammontax għall-iżvelar tal-kontenut tal-proċess verbal jew id-dokumenti u x-xhieda miġbura fih. Id-dispożizzjonijiet dwar segretezza fil-Kodiċi Kriminali huma importanti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, iżda m'għandhomx jingħataw firxa usa' milli attwalment tirrikjedi l-liġi. M'hemm ebda indikazzjoni li f'dan il-każ il-Prim Ministru jew il-Ministru għall-Ġustizzja ngħataw xi kontenut tal-proċess verbal.

24. L-esponent iqis għal dawn ir-raġunijiet fuq imsemmija li l-ilment kif propost ma jirriżultax, għaliex mhux il-każ li l-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja ngħataw xi informazzjoni li ma setgħetx tingħata.

**Konklużjonijiet**

25. Għal dawn il-motivi l-esponent ma jsib ebda ħtija fl-aġir tal-Prim Ministru Robert Abela u l-Ministru tal-Ġustizzja Jonathan Attard fir-rigward tal-allegazzjonijiet fuq imsemmija, u jagħlaq il-każ.

26. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Prim Ministru, lill-Ministru Attard, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| **Dokument A** | Ittra datata 19 ta' Lulju 2023 mingħand l-Onor. Dr Karol Aquilina. |
| **Dokument B** | Ittra lill-Prim Ministru datata 24 ta' Awwissu 2023. |
| **Dokument Ċ** | Ittra lill-Ministru Jonathan Attard datata 24 ta' Awwissu 2023. |
| **Dokument D** | Ittra datata 31 ta' Awwissu 2023 mingħand il-Ministru Jonathan Attard. |
| **Dokument E** | Ittra datata 1 ta' Settembru 2023 mingħand il-Prim Ministru. |
| **Dokument F** | Ittra datata 21 ta' Ġunju 2024 mingħand il-Prim Ministru. |
| **Dokument G** | Ittra datata 21 ta'Ġunju 2024 mingħand il-Ministru Jonathan Attard. |

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

19 ta' Lulju 2023

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja**

Kif żgur taf, nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2023, il-Prim Ministru Robert Abela u l-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard indirizzaw konferenza tal-aħbarijiet fil-Berġa ta' Kastilja li matulha ħabbru t-twaqqif ta' inkjesta pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia. Waqt din il-konferenza tal-aħbarijiet il-Prim Ministru Robert Abela stqarr:

> "*Aktar kmieni llum, ftit tas-sigħat ilu, ġejt infurmat illi l-Maġistrat illi qiegħda tmexxi l-Inkjesta Maġisterjali fil-każ ta' Jean Paul Sofia avżat, tat rapport, illi se titlob għal darba oħra, estensjoni oħra. Hija estensjoni illi se terġa' tkompli ttawwal iż-żmien ta' din l-inkjesta. U b'din l-estensjoni l-Maġistrat ħadet 30 jum ieħor u m'hemm xejn xi jżommha milli titlob estensjonijiet addizzjonali kif diġà għamlet f'diversi drabi sa issa.*"

Fl-istess konferenza tal-aħbarijiet il-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard qal:

> "*Illum għal darba oħra, ġejna a konoxxenza tal-fatt illi l-Maġistrat, tawlet, għamlet estensjoni oħra ta' 30 ġurnata.*"

Kif m'għandix dubju li inti konxju, dik li rreferew għaliha l-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja, hija informazzjoni li fin-natura tagħha hija kunfidenzjali u li tinsab għand l-Avukat Ġenerali.

Għalhekk, minn dak li stqarrew il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja, jirriżulta li huma nfushom u/jew persuni inkarigati minnhom ikkomunikaw mal-Avukat Ġenerali u talbu u/jew eżiġew u/jew kisbu mingħandha informazzjoni li ma kellhom l-ebda dritt li jirċievu u/jew ikollhom fil-pussess tagħhom b'rabta mal-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia.

Il-filmat sħiħ tal-konferenza tal-aħbarijiet huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link: https://fb.watch/lSC9p65ufF/

Fil-fehma tiegħi dak li ġie mistqarr pubblikament u li wettqu l-Prim Ministru Robert Abela u l-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard jammonta għal ksur tad-dmirijiet statutorji u etiċi, huwa aġir li jmur kontra l-liġi u jikkostitwixxi abbuż ta' poter.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-

m. [redacted] e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

**Karol Aquilina**
Kelliem għall-Ġustizzja

DOKUMENT B

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

24 ta' Awwissu 2023

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onorevoli Prim Ministru,

**Ilment nru 162 in konnessjoni mal-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia**

Irċevejt ilment dwar konferenza stampa indirizzata minnek u mill-Ministru għall-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2023, fejn ħabbartu li l-maġistrat inkwerenti fil-każ tal-mewt ta' Jean Paul Sofia estendiet l-inkjesta tagħha bi 30 ġurnata. L-ilment qed jallega li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali, u li inti u l-Ministru għall-Ġustizzja akkwistajtu, direttament jew permezz ta' persuni oħra inkarigati minnkom, informazzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali li ma kellkomx dritt takkwistaw. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Dan l-ilment potenzjalment jinkwadra ruħu fl-artikolu 22(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jirreferi għal azzjonijiet kontra dak li trid il-liġi u ksur ta' dmir statutorju.

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitlub tagħtini r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment, u b'mod partikolari tinformani kif sirt taf li l-inkjesta maġisterjali ġiet estiża.

Ittra simili qed tintbagħat lill-Ministru għall-Ġustizzja.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mit-**Tnejn 25 ta' Settembru 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

24 ta' Awwissu 2023

L-Onor. Dr Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Bl-email fuq jonathan.c.attard@gov.mt

Onorevoli Ministru,

**Ilment nru 162 in konnessjoni mal-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia**

Irċevejt ilment dwar konferenza stampa indirizzata minnek u mill-Prim Ministru fis-17 ta' Lulju 2023, fejn ħabbartu li l-maġistrat inkwerenti fil-każ tal-mewt ta' Jean Paul Sofia estendiet l-inkjesta tagħha bi 30 ġurnata. L-ilment qed jallega li din l-informazzjoni hija kunfidenzjali, u li inti u l-Prim Ministru akkwistajtu, direttament jew permezz ta' persuni oħra inkarigati minnkom, informazzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali li ma kellkomx dritt takkwistaw. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Dan l-ilment potenzjalment jinkwadra ruħu fl-artikolu 22(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jirreferi għal azzjonijiet kontra dak li trid il-liġi u ksur ta' dmir statutorju.

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitlub tagħtini r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment, u b'mod partikolari tinformani kif sirt taf li l-inkjesta maġisterjali ġiet estiża.

Ittra simili qed tintbagħat lill-Prim Ministru.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mit-**Tnejn 25 ta' Settembru 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

31 ta' Awwissu, 2023

Dr Joseph Azzopardi
L-Onor. Prim Imħallef Emeritus

Kummissarju għall-Istandards Fil-Ħajja Pubblika

Għażiż Sur Kummissarju,

**Dwar:** **Ilment Numru 162 inkonnessjoni mal-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia**

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-24 t'Awwissu 2023 fejn għarraftni bl-ilment fuq imsemmi, u permezz ta' din l-ittra qiegħed nagħti r-reazzjonijiet tiegħi għall-istess.

L-ilment hu wieħed manifestament infondat u għalhekk ma jimmerita ebda indaġini ulterjuri.

Kien mhux biss mistenni, iżda doveruż fuqi, fil-qadi ta' dmirijieti bħala l-Ministru tal-Ġustizzja, illi dwar l-inkjesta ta' Jean Paul Sofia nikkomunika mal-Avukat Ġenerali wara l-għeluq tat-terminu estiż ta' xahar (u ġiaprecedentement estiż għadd ta' drabi oħra), sabiex ningħata kopja tal-process verbal, kemm-il darba l-inkjesta ġiet konkluża.

Kontra għal dak li jalludi l-ilmentatur, m'hemm xejn fil-Liġi li jivvjeta dan, u hu inkonċepibbli li jingħad mod ieħor. Anzi, l-ewwel *proviso* għall-artikolu 518 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-"*proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.*" Naturali li fl-eżercizzju ta' din id-diskrezzjoni, il-Liġi qed tipprospetta li ssir talba quddiem l-Avukat Ġenerali biex jingħata aċċess għall-process verbal, kif kienet it-talba magħmula minni. Kemm hu hekk, fis-sentenza li ngħatat riċentament fl-ismijiet ***"Samira Borg vs L-Avukat Ġenerali"***, deċiża fil-21 t'Ottubru, 2022, il-Qorti ġustament sabet li meta l-Avukat Ġenerali teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artikolu 518 tal-Kap. 9, b'mod li tirrifjuta **talba** biex tipprovdi aċċess għall-process verbal dwar inkjesta maġisterjali, hija għandha tagħti spjegazzjoni dwar dan li tkun raġonevoli u msejsa fuq konsiderazzjonijiet legali.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

B'rabta ma' dan il-punt, xieraq issir referenza għat-tweġibiet li ngħataw għal mistoqsijiet parlamentari dwar inkjesti maġisterjali passati, li fiż-żmien inkwistjoni kienu għadhom pendenti jew riċentament konklużi, mill-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici (fiż-żmien li fih kien Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), u l-eks Membru Paralmentari Dr. Tonio Borg (fiż-żmien li fih kien Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), fejn il-kontenut ta' dawn it-tweġibiet jagħti tagħrif ferm dettaljat dwar l-andament ta' dawk l-inkjesti u saħansitra x'digrieti jkunu ngħataw mill-Maġistrat fil-mori tal-inkjesta' (ara **"Dokument A"**).

Dwar dan l-ilment inkwistjoni, fuq it-talba tiegħi, jien ġejt infurmat mill-Avukat Ġenerali li mal-għeluq tat-terminu (ieħor) estiż ta' xahar, hi kienet għadha ma rċevietx il-proċess verbal mingħand il-Maġistrat inkwirenti.

Dan skont l-Artikolu 550A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta neċessarjament ifisser illi l-Maġistrat inkwirenti kellha tħejji rapport bil-miktub ieħor li fih terġa' tindika r-raġuni tad-dewmien u dan ir-rapport kellu jintbagħat mill-Maġistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq ix-xahar. M'hemm xejn kunfidenzjali dwar dan, billi dan hu dak li trid u tgħid il-Liġi, *sic et simpliciter.* Huwa proprju dan it-tagħrif li ngħata minni u mill-Prim Ministru fil-konferenza stampa ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2023 - tagħrif dwar inkjesta li kien hemm interess u stennija kbira mill-pubbliku inġenerali li tiġi konkluża. Il-pubbliku kellu kull dritt li f'soċjetà demokratika jirċievi din l-informazzjoni u li jinżamm infurmat.

Għalhekk l-allegazzjoni li jien jew il-Prim Ministru ksibna informazzjoni dwar l-inkjesta maġisterjali li fin-natura tagħha hija kunfidenzjali u li tinsab għand l-Avukat Ġenerali, mhux biss hi waħda għal kollox fiergħa, iżda tirrażenta l-assurd. Kif imfisser ġa, it-tagħrif li ngħata minni u mill-Prim Ministru, m'hu xejn għajr dak li jemerġi *ictu oculi* mil-Liġi. Kontra għal min jidher li kellu, u anki stqarr pubblikament li kiseb, informazzjoni interna dwar dettalji speċifiċi relattivi għall-proċess ta' din l-inkjesta (ara **"Dokument B"**).

Għaldaqstant , dak li tassew jikkostitwixxi abbuż ta' poter, u jammonta għal aġir deplorabbli, hu l-mod li bih x-*shadow minister* tal-Ġustizzja, qed jipprova jippolitiċizza l-mewta traġika ta' Jean Paul Sofia b'ilment pwerili ta' din ix-xorta.

Għoddni tiegħek,

Dr Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

DOK A

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

PARLAMENT TA' MALTA

**Leġiżlatura**
X
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
22000
**Data:**
09/11/2006
**Seduta:**
461 - 14/11/2006 09:00 AM
**Seduta *Interim*:**
**Titlu:**
Inkjesta dwar il-mewt ta' persuna

**L-Onorevoli STEFAN BUONTEMPO staqsa lill-Onorevoli TONIO BORG (Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern):**

Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid fejn waslet l-inkjesta maġisterjali rigward il-mewt ta' persuna li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, u li ġrat b'kawża li sfronda s-saqaf ta' fejn kien jgħix?

**Tweġiba:**

Ninsab infurmat illi l-Inkjesta Maġisterjali dwar il-każ imsemmi mill-Onorevoli Interpellant kienet ġiet konkluża mill-Maġistrat Inkwirenti nhar il-31 ta' Jannar 2001.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 30/5/2013 12:37:31 - PQ ID 1ADE09151CDC3B36C12572210045DF11

DOK A

PARLAMENT TA' MALTA

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

**Leġiżlatura**
XI
**Kategorija**
WRITTEN
**Mistoqsija Numru:**
13
**Data:**
09/03/2009
**Seduta:**
92 - 16/03/2009 06:00 PM
**Seduta *Interim*:**
**Titlu:**
Inkjesta fuq mewta traġika

**L-Onorevoli CHRIS AGIUS staqsa lill-Onorevoli CARMELO MIFSUD BONNICI (Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern):**

Jista' l-Ministru jikkonferma li l-inkjesta Maġisterjali dwar il-mewt traġika tas-suldat Matthew Psaila nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar, 2009 issa tlestiet u li sar ir-rapport? Peress li dan l-inċident qajjem interess nazzjonali u l-poplu għandu dritt ikun jaf x'ġara, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dak li rriżulta dwar l-inċident minn dan ir-rapport u jpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra x'kienu l-konklużjonijiet tal-inkjesta Maġistraljali? Jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jittieħdu xi passi f'każ li jirriżulta li kien hemm nuqqasijiet fil-qadi tad-dmir ta' min kien responsabbli minn ħajjet dan iż-żagħżugħ?

**Tweġiba:**

Ninsab infurmat illi l-inkjesta li saret mill-Maġistrat dwar il-mewta traġika tas-suldat Matthew Psaila ġiet konkluża u l-proċess verbal relattiv flimkien mal-provi u d-dokumenti kollha miġbura fil-kors ta' l-inkjesta, ntbagħtu għand l-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali. F'dan l-istadju l-atti ta' l-inkjesta qegħdin jiġu eżaminati mill-uffiċċju msemmi sabiex jiġi determinat jekk hemmx lok ta' xi indaġnijiet oħrajn u x'passi oħra għandhom jittieħdu fir-rigward. Id-deċizjoni jekk jingħatax aċċess għall-atti ta' l-inkjesta u meta dan ikun jista' jsir, hi deċiżjoni li tispetta lill-Avukat Ġenerali. Ma għandi ebda dubbju li jekk jirriżulta li għandhom jittieħdu xi passi kriminali jew xort'oħra fil-konfront ta' xi ħadd, dawn il-passi jittieħdu.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

**Leġiżlatura**
X
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
16848
**Data:**
26/01/2006
**Seduta:**
346 - 30/01/2006 06:00 PM
**Seduta *Interim*:**
**Titlu:**
Każ dwar qtil ta' Persuna

**L-Onorevoli JOSÈ HERRERA staqsa lill-Onorevoli TONIO BORG (Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern):**
Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid fir-rigward tal-qtil tal-persuna li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament li nstab mejjet fit-13 ta' April 2005, jekk l-inkjesta maġisterjali ġietx konkluża? Jista' jgħid x'inhi r-raġuni għaliex il-mejjet għadu ritenut b'mod priżervat fil-friża tas-sala mortwarja ta' Għawdex, meta t-testijiet forensiċi ġew ormai konklużi? F'dan is-sens, jaf il-Viċi Prim Ministru li attwalment l-unika problema li teżisti sabiex dan jinġieb Malta u jindifen huma biss problemi amministrattivi u ta' flus, fis-sens li d-dipartiment konċernat qed jirrifjuta li joħroġ l-ispejjeż relattivi sabiex dan jinġieb Malta għad-difna?

Jaf il-Viċi Prim Ministru f'dan is-sens, illi l-qraba tal-mejjet huma finanzjarjament indiġenti u ma jistgħux iħallsu?

Jidhirlu li huwa l-każ li f'dawn iċ-ċirkostanzi jintervjeni personalment sabiex il-mejjet jinġieb Malta u ssirlu d-difna?

**Tweġiba:**
Ninsab infurmat illi l-Inkjesta Maġisterjali għad mhix konkluża. Pero' ninsab infurmat illi l-Maġistrat Inkwirenti awtorizzat ir-rilaxx u d-difna tal-kadavru. Ninsab infurmat ukoll illi qed isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-kadavru jinġieb il-kamra mortwarja ta' l-Isptar San Luqa sabiex ikun jista' jsir il-funeral.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

DOK B



**Jason Azzopardi**
19 m ·

Il-gideb tal-Gvern MA NIFILHUX.

Ghandi informazzjoni 500% cert li L-MAGISTRAT INKWIRENTI FL-INKJESTA DWAR JEAN SOFIA MHUX VERU (MHUX VERU!) TALBET ESTENSJONI TAZ-ZMIEN GHALL-INKJESTA TAGHHA!

Jekk tridu, aghmluli libell issa.

IEQFU IGDBU.

IEQFU TNEJKU B'MIN GHANDU QALBU MAQSUMA.

IEQFU IGDBU LILL-PAJJIZ

BLA MISTHIJA! TIGDBU FUQ MAGISTRAT KUXJENZJUZA LI TAFU MA TISTAX TWIEGIBKOM JA QATTA GIDDIBIEN

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

Dr. Joseph Azzopardi
L-Onor. Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Hajja Pubblika

1 ta' Settembru, 2023

Għażiż Sur Kummissarju,

**Dwar: Ilment Numru 162 in konnessjoni mal-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia**

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħek tal-24 t'Awwissu, 2023 fejn għarraftni bl-ilment fuq imsemmi, u permezz ta' din l-ittra qiegħed nagħti r-rejazzjonijiet tiegħi għall-istess.

L-ilment hu wieħed manifestament infondat u għalhekk ma jimmerita ebda indaġini ulterjuri.

Nirrileva illi ftit sieghat qabel il-konferenza stampa ta' nhar is-17 ta' Lulju 2023, jien ġejt mgħarraf mill-Ministru tal-Ġustizzja illi huwa kien ikkomunika mal-Avukat Generali biex jingħata kopja tal-process verbal relattiv għall-inkjesta maġisterjali dwar il-mewta traġika ta' Jean Paul Sofia wara li kien għalaq it-terminu estiż ta' xahar (u gia preċedentement estiż għadd ta' drabi oħra) li fiha l-inkjesta kellha tiġi konkluza.

Kuntrarjament għal dak li jalludi l-ilmentatur, m'hemm xejn fil-Ligi li jivvjeta li ssir talba ta' din ix-xorta lill-Avukat Ġenerali, u hu nkonċepibbli li jingħad mod ieħor. Anzi, l-ewwel *proviso* għall-artikolu 518 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-"*processi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali.*" Naturali li fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, il-Ligi qed tipprospetta li ssir talba quddiem l-Avukat Generali biex jingħata aċċess għall-process verbal, kif talab il-Ministru tal-Ġustizzja fil-każ tal-lum. Kemm hu hekk, fis-sentenza li ngħatat reċentement fl-ismijiet ***"Samira Borg vs L-Avukat Generali"***, deċiża fil-21 t'Ottubru, 2022, il-Qorti ġustament sabet li meta l-Avukat Generali teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artikolu 518 tal-Kap. 9, b'mod li tirrifjuta **talba** biex tipprovdi aċċess għall-process verbal dwar inkjesta maġisterjali, hija għandha tagħti spjegazzjoni dwar dan li tkun raġonevoli u msejsa fuq konsiderazzjonijiet legali.

B'rabta ma' dan il-punt, xieraq issir riferenza għat-tweġibiet li ngħataw għal mistoqsijiet parlamentari dwar inkjesti maġisterjali passati, li fiż-żmien in kwistjoni kienu għadhom pendenti jew reċentement konklużi, mill-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici (fiż-żmien li fih kien Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), u l-eks membru Paralmentari Dr. Tonio Borg (fiż-żmien

li fih kien Vici Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern), fejn il-kontenut ta' dawn it-tweġibiet jagħti tagħrif ferm dettaljat dwar l-andament ta' dawk l-inkjesti u saħansitra x'digrieti jkunu ingħataw mill-Maġistrat fil-mori tal-inkjesta' (ara **"Dokument A"**).

Dwar dan l-ilment in kwistjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja nfurmani li, fuq it-talba tiegħu, l-Avukat Ġenerali għarrfitu li sa dak il-jum (jiġifieri wara l-għeluq tat-terminu ieħor estiż ta' xahar li fiha kellha tiġi konkluża l-inkjesta), hija kienet għadha ma rċevietx il-process verbal mingħand il-Magistrat inkwirenti.

Dan skont l-Artikolu 550A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta neċessarjament jfisser illi l-Maġistrat inkwirenti kellha tħejji rapport bil-miktub ieħor li fih terġa' tindika r-raġuni tad-dewmien u dan ir-rapport kellu jintbagħat mill-Magistrat lill-Avukat Ġenerali mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn għeluq ix-xahar. M'hemm xejn kunfidenzjali dwar dan, billi dan hu dak li trid u tgħid il-Ligi, *sic et simpliciter.* Huwa proprju dan it-tagħrif li ngħata minni fil-konferenza stampa ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2023 - tagħrif dwar inkjesta li kien hemm interess u stennija kbira mill-pubbliku in ġenerali li tiġi konkluża. Il-pubbliku kellu kull dritt li f'soċjeta' demokratika jirċievi din l-informazzjoni u li jinżamm infurmat.

Għalhekk l-allegazzjoni li jien jew il-Ministru tal-Ġustizzja ksibna nformazzjoni dwar l-inkjesta maġisterjali li fin-natura tagħha hija kunfidenzjali u li tinsab għand l-Avukat Ġenerali, mhux biss hi waħda għal kollox fiergħa, iżda tirrażenta l-assurd. Kif imfisser ġa, t-tagħrif li ngħata minni u mill-Ministru tal-Ġustizzja, m'hu xejn għajr dak li jemerġi *ictu oculi* mill-Liġi. Kontra għal min jidher li kellu, u anke' stqarr pubblikament li kiseb, informazzjoni interna dwar dettalji speċifici relattivi għall-proċess ta' din l-inkjesta (ara **"Dokument B"**). Dwar dan l-ilmentatur ironikament ma jsib xejn x'jilmenta dwaru.

Għaldaqstant, dak li tassew jikkostitwixxi abbuż ta' poter, u jammonta għal aġir deplorabbli, hu l-mod li bih s-*shadow minister* tal-Ġustizzja, qed jipprova jippoliticizza l-mewta traġika ta' Jean Paul Sofia b'ilment pwerili ta' din ix-xorta.

Għoddni tiegħek,

Robert Abela

DOKUMENT F

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

21 ta' Ġunju 2024

Onor. Prim Imħallef Emeritu Dr. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rif Tagħkom: Ilment Nru. K/062**

Issir referenza għall-ittra tiegħek datata 23 ta' Mejju, 2024.

Nirrileva illi jiena diġa weġibt dettaljatament dwar l-infondatezza manifesta tal-ilment odjern permezz tal-ittra tiegħi tal-1 ta' Settembru, 2023, li l-kontenut tagħha hu wkoll in sintonija mal-kontenut tal-ittra tal-Onorevoli Ministru Dr Jonathan Attard tal-31 ta' Awwissu, 2023, annessa mal-ittra tiegħek.

Għoddni tiegħek u grazzi.

Inselli,

**Robert Abela**
**Prim Ministru**

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM
OF THE CONSTRUCTION SECTOR

21 ta' Ġunju 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Prim Imħallef Emeritu,

**Każ K/062 in konnessjoni mal-Inkjesta Maġisterjali dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia**

Nirringrazzjak għall-ittra tiegħek tat- 23 ta' Mejju 2024 dwar il-każ fuq riferit.

Qiegħed nifhem illi l-aċċess għall-provi li huwa mogħti bl-artikolu 18(3) tal-Kap 570 ingħata lili billi ġejt notifikat b'numru ta' dokumenti annessi mal-ittra tiegħek.

B'żieda mas-sottomissjonijiet li diġà għamilt xtaqt nirreferi għal risposta li tat l-Avukat Ġenerali reċentement għal mistoqsijiet tal-midja dwar jekk Inkjesta Maġisterjali oħra ġietx konkluża.

*"When Times of Malta asked the attorney general's office if they had received this inquiry and whether it intended to publish it, a spokesperson replied: "The office of the Attorney General has not received the records of the Magisterial Inquiry to which reference is being made in your email.""*

Kopja tal-artikolu li jikkonferma l-għoti ta' dik ir-risposta hija annessa u mmarkata bħala **Dok Ċ**.

Minn dik ir-risposta joħroġ b'mod ċar illi informazzjoni dwar jekk Inkjesta Magisterjali ġietx konkluża jew le fil-fatt tingħata mill-Avukat Ġenerali meta jidrilha li dan ikun jixraq. Huwa evidenti illi meta l-Avukat Ġenerali tiddeċiedi li tikkomunika dik ir-risposta dwar jekk il-fatt seħħx jew le, kif del resto għandha kull dritt u f'ċerti ċirkostanzi anke dmir li tagħmel, dik l-informazzjoni bl-ebda tiġbid tal-immaginazzjoni ma tista tiġi deskritta bħala informazzjoni li hija fin-natura tagħha kunfidenzjali illi b'xi mod tinvolvi lil min jirċeviha fi ksur ta' liġi jew ta' etika.

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM
OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Illi ċertament kif wieħed japprezza, li l-informazzjoni li l-ilmentatur qiegħed jikkontendi li l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja, ma kellhom l-ebda dritt li jirċievu u/jew ikollhom fil-pussess tagħhom b'rabta mal-inkjesta maġisterjali, kif jirriżulta mill-artikolu suċċitat hija informazzjoni li anke l-membri tal-istampa, f'okkażjonijiet talbu u ngħatatilhom l-informazzjoni dwarha mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Illi dan kollu, mgħadud mal-provi u sottomissjonijiet diġà magħmula mill-Onorevoli Prim Ministru u minni, iġibu fix-xejn l-akkuża tal-ilmentatur Onorevoli Karol Aquilina, li dak mistqarr minnha jammonta għal ksur tad-drittijiet statutorji u etiċi, imur kontra l-liġi u jikkostitwixxi abbuż ta' poter.

Tislijiet,

Dr Jonathan Attard

Ministru għall-Ġustizzja

u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

Auberge D'Aragon, Indipendence Square, Valletta, Malta
T +356 2327 9000 E jonathan.c.attard@gov.mt

www.justice.gov.mt

DOK Ċ



NATIONAL

# AG, police commissioner have not received Panama Papers inquiry

DANIEL ELLUL

The attorney general and the police commissioner have not yet received the inquiry into secret offshore companies opened by murder suspect Yorgen Fenech and former government officials Keith Schembri and Konrad Mizzi.

Nationalist MEP David Casa and his lawyer Jason Azzopardi announced on Facebook on Tuesday that the years' long magisterial inquiry has come to an end.

By law, an inquiring magistrate has three working days to present their concluded inquiry, known as the *proces verbal*, to the AG, with recommendations on how to proceed.

The probe centred around plans by Fenech's company, 17 Black to pay millions to Schembri and Mizzi via a secretive offshore structure in Panama.

These plans are suspected to be linked to Electrogas, the consortium awarded a 2013 government contract to build and operate a gas-fired power plant.

In a statement, Nationalist Party justice spokesperson, Karol Aquilina called on the attorney general to publish the magisterial inquiry report "without further delay".



The probe centred around plans by 17 Black to pay millions to Keith Schembri and Konrad Mizzi via secretive offshore structure in Panama. The plans are suspected to be linked to Electrogas, which was awarded a 2013 government contract to build and operate a gas-fired power plant. PHOTO: MARK ZAMMIT CORDINA

"The attorney general and the police commissioner are now being held responsible if this inquiry report ends up in the hands of Robert Abela again in an abusive and illegal manner so that, as happened in the case of the Vitals inquiry, he will be able to make statements and public comments with which he tries to dictate and influence the judicial process for his political advantage," he said.

When *Times of Malta* asked the attorney general's office if they had received this inquiry and whether it intended to publish it, a spokesperson replied: "The Office of the Attorney General has not received the records of the Magisterial Inquiry to which reference is being made in your email."

A spokesperson for the police said: "To date, the police did not receive the indicated Magisterial Inquiry."

Fenech, who is awaiting trial for allegedly orchestrating the murder of journalist Daphne Caruana Galizia, is also a former director and part-owner of Electrogas.

Schembri's and Mizzi's ownership of the secret Panama companies was outed by a massive data leak known as the Panama Papers.

Caruana Galizia had teased knowledge of the Panama companies prior to the leak's publication in April 2016 and put up a cryptic Facebook post in February 2017, hinting that 17 Black could be linked to government corruption.

She was assassinated by a car bomb eight months later.

In April 2018, *Times of Malta* published an e-mail linking 17 Black to Mizzi's and Schembri's Panama companies.

Schembri claims the e-mail referenced "draft business plans" he formulated with Fenech while still in government.

Mizzi denies any connection with 17 Black.

# 'Hidden gem' Birkirkara theatre for sale at €850,000



The 10-metre façade of Prince Theatre, in Birkirkara.
PHOTO: MATTHEW MIRABELLI

FIONA GALEA DEBONO

Ever thought of owning a historical, grand theatre? Well, one in the heart of Birkirkara is up for grabs by "a buyer with the right vision" to the tune of €850,000.

Originally Prince Theatre, the property was later used as a prop-making and storage venue for the local band club. It had been leased out for 100 years but was recently returned to its owners.

Now, they are seeking the right buyer for the 352-square metre "commercial establishment", described as a "hidden gem waiting for a visionary touch".

Potential buyers have the one-off chance to breathe new life into a piece of Birkirkara's history and leave their mark on an iconic landmark, according to real estate specialist Sean Busuttil Cordina from Remax Central.

With a generous footprint and a frontage of around 10 metres, this unique space in the McDonald's area offers "immense potential for transformation", Busuttil Cordina believed.



A render of what the theatre could look like and its potential use for a thriving business.

The pre-1967 property includes a staircase leading to the first floor, where a sound balcony overlooks the expansive seating area below, while the main hall, once bustling with audiences, now stands as a wide-open space, with the original stage still intact – "ready to be reimagined".

Whether transformed into a cultural venue, a unique residential space, or an innovative commercial hub, the historic theatre was a rare opportunity to create something "truly special".

Busuttil Cordina said he had only recently started running adverts on the property and already had a viewing lined up, with interest in "what it could be" coming in.

He has also come up with a render of the space that includes an eatery and bar, apart from a cinema, proposing an idea for a more feasible business that could thrive in Birkirkara.

It could also work for live shows, he continued, adding that, in an ideal world, one would stick to, more or less, the same idea.

"A lot can be done with the right vision," he maintained.